MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tat-23 ta' Jannar, 2006

Talba Numru. 1632/2005

**Edwin Debono u martu Georgina Debono**

**vs**

**Curmi Jewelers Limited**

It-Tribunal

Ra l-Avviz f'l-ismijiet premessi prezentat fil-21 ta' Lulju 2005 li permezz tieghu l-atturi talbu hlas tas-somma ta' mitejn lira Maltija (Lm200) rapprezentanti l-valur ta' oggetti ta' deheb u fidda elenkati f'l-istess Avviz liema oggetti gew ikkonsenjati lis-socjeta konvenuta biex taghmel tiswijiet fihom u liema oggetti ma gewx ritornati lill-atturi.

Ra n-nota ta' Mistoqsijiet ta'l-atturi sabiex is-socjeta konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigu pruvat ai termini ta' l-Artikoli 698(2) u 702 tal-

Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 13 (b) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ra li ghalkemm is-socjeta konvenuta giet notifikat b'l-avviz fis-26 ta' Novembru 2005, naqset li tidher meta gew prezentati l-Kapitoli u anke llum, u ghalhekk in-Nota ta' Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi jilqa t-talbiet attrici u jikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas s-somma ta' mitejn lira Maltija (Lm200) b'l-ispejjez.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------